MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 42/2009

**A B C**

**-vs-**

**D maghruf bhala D E F C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti izzewgu fil-21 ta’ Frar tas-sena 2001, liema zwieg jinsab registrat fl-Indici tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv 137/2001, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

Illi minn dana z-zwieg twieldet tifla jisimha G, li twieldet fit-8 ta’ April 2004.

Illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament minn ma’ xulxin ghal iktar minn erba’ snin.

Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-initmat li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, hekk kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat ukoll peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi matul dawn il-proceduri ser jirrizulta wkoll li kien hemm simulazzjoni tal-kunsens, tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat ukoll minhabba li fiz-zmien taz-zwieg, l-intimat kellu n-nuqqas ta’ setgha intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli relevanti taht l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, in vista tal-premess, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti A B C u D maghruf bhala D E F C fil-21 ta’ Frar tas-sena 2001, huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt sabiex jixhed in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' D C, fejn dan laqa' ghall-kawza billi eccepixxa:

Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti dikjarati fl-ewwel tlett (3) paragrafi tar-rikors guramentat tal-attrici, pero' jichad dak kollu li ntqal fil-bqija tal-istess rikors guramentat.

Illi huwa jirrespingi l-pretensjonijiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li da parti tieghu ma kien jahti ghall-ebda nuqqas li jirrendi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti null.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju nullita' ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni, kif indikat fis-sitt (6) u s-seba' (7) paragrafu tar-rikors promotur, fiha nnifisha teskludi kawzali bazata fuq nullita' ta' zwieg minhabba nuqqas ta' eskluzjoni ta' gudizzju, kif indikat mill-attrici fil-hames (5) paragrafi tar-rikors promotur taghha, u dan peress illi n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita' intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta' li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi huwa assolutament inveritier illi l-intimat izzewweg lill-attrici sabiex huwa jottjeni cittadinanza Maltija, jew sabiex jinqeda biz-zwieg f'kwalunkwe mod kif allegat l-attrici fir-rikors guramentat taghha, u dan kif ser jintwera ahjar fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Illi jekk l-attrici hija hatja ta' xi nuqqas li jista' jirrendi z-zwieg bejn il-kontendenti null, l-intimat m'ghandux ibati spejjez ta' din il-procedura, li ghalhekk ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-attrici.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit kollha prezentati.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza ltaqghu go bar gewwa San Giljan meta l-attrici kellha tmintax-il sena. Dak iz-zmien kienet thossha insikura u l-problemi familjari ggravaw meta l-genituri tal-attrici saru jafu li binthom kienet f'relazzjoni mal-konvenut li huwa ta' nazzjonalita' Afrikana. Il-konvenut kien jistenna li jiehu l-istat ta' refugjat gewwa Malta. Meta il-genituri tal-attrici riduha ttemm ir-relazzjoni taghha mal-konvenut, l-attrici telqet mid-dar u l-partijiet marru jghixu flimkien. L-attrici kienet tistudja u tahdem ukoll waqt li l-konvenut kien ikun hafna hin id-dar peress li ma kellux impjieg fiss. F'diversi okkazjonijiet, l-attrici sabet lill-konvenut f'kumpanija ta' nisa ohra u dan kien johloq glied bejniethom. Il-partijiet, wara sena jghixu flimkien, izzewgu fir-Registru Pubbliku fejn il-genituri tal-attrici ma kinux gew mistiedna. Wara z-zwieg, il-konvenut ammetta mal-attrici li kellu problemi serji bid-droga ghalkemm hi kienet taf minn qabel li kien jiehu d-droga. Matul ir-relazzjoni, l-attrici kienet dejjem issibu f'kumpanija ta' hbieb tieghu fir-residenza taghhom.  Qatt ma kien fidili lejha.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza tinvoka in sostenn tat-talba taghha diversi kawzali. Il-Qorti ser tibda biex tikkonsidra wiehed minnhom, u cioe' dik il-kawzali li tipprovdi ghaliha l-Kap. 255 fl-Artikolu 19(1)(f) li testwalment jipprovdi ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zwieg.

"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."

Jinghad mill-ewwel illi dawn il-Qrati konsistentement irritenew illi:

"Illi ghalkemm il-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe'

dik l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied" ("**Marita Schembri vs Emmanuel Schembri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fid-9 ta' April, 2003).

U aktar ricentement fil-kawza "**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**" (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009):

"Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens **Muscat vs Borg Grech noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995.  Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),
"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere"."

"**Dr. Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech**" (deciza mill-Prim'Awla fl-14 ta' Awissu, 1995):

"*Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).*"

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti qieset il-prepondenanza ta' xhieda prodotti li kkonvincietha li l-konvenut wera bic-car li kien qieghed jeskludi d-diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Kien konsistentement infidil. Qatt ma hadem ghall-gid tal-familja li fforma u partikolarment in vista tal-abbuz kontinwu mid-droga, wera li l-komunjoni ta' hajja fiz-zwieg qatt ma kienet tinteressah.

Jirrizulta mill-provi li huwa qatt ma kien fidil lejn is-siehba tieghu, la qabel u lanqas wara z-zwieg. L-attrici fl-affidavit taghha tressaq elenku shih tad-drabi fejn issorprendietu fil-kumpanija ma' nisa ohra. Sahansitra wahda minn dawn ir-relazzjonijiet irrizultat f'wild li l-istess konvenut ma jidhirx li qatt segwa. Ix-xhieda tal-attrici f'dan is-sens kienet ikkorraborata sostanzjalment mix-xhieda prodotti. Sinjifikattiva x-xhieda ta' missier l-attrici li rah ibus mara xi gimgha wara li sar jaf li bintu kienet izzewget lil C, u ghalhiex ikkonfrontah fil-post, gie aggredit minn dak li issa kien sar ir-ragel ta' bintu. Ukoll H B, hu l-attrici, jikkonferma li gieli ltaqa' mieghu fil-kumpanija ta' nisa ohra. Sahansitra Rebecca Debono, habiba tal-attrici tikkonferma li l-istess konvenut kien ghamel lilha stess proposti indecenti.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tinsab konvinta li l-fedelta' essenzjali fiz-zwieg giet pozittivament eskluza mill-konvenut u dan urieh bl-imgieba tieghu kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg.

Dan stabbilit, il-Qorti tqis li ma jibqax in-necessita' li tigi ezaminata x-xhieda prodotta in relazzjoni mal-kawzali l-ohra. Studju ulterjuri jkun purament akkademiku.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Frar 2001, huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------